MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LORRAINE SCHEMBRI ORLAND

Seduta tas-26 ta' Frar, 2015

Citazzjoni Numru. 597/2014

**(1) Louis Abela (K.I. 116053M);**

**(2) Maria Concetta Fenech**

**(K.I. 396754M);**

**(3) Josephine Barbara (K.I.441555M);**

**(4) Antonia Camilleri (K.I.234257M) u**

**(5) Maria Abela (K.I. 466161M)**

**vs**

**Carmelo Abela (K.I. 211459M)**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta’ Louis, Maria Concetta Fenech, Josephine Barbara, Antonia Camilleri u Maria ahwa Abela    datat 4 ta’ Lulju 2014, u bil-gurament Maria Abela tikkonferma s-segwenti fatti, liema fatti hija taf bihom personalment u espona: -

Illi l-kontendenti huma ko-proprjetarji tar-razzett numru hamsa (5), Triq it-Tuss, Zejtun u tar-raba’ adjagenti formanti parti mill-istess razzett;

Illi parti minn tali proprjeta` hija mandra fejn zmien ilu kienu jinzammu xi annimali u tali mandra kienet maghluqa b'xatba. Madankollu, din ix-xatba qatt ma kienet maghluqa u kull wiehed mill-kontendenti *qua* koproprjetarju seta' jaccedi kif u meta jrid. Illum il-gurnata m’ghadhomx jinzammu bhejjem;

Illi ricentement il-konvenut ghalaq ix-xatba li tifred l-imsemmija mill-ghalqa formanti parti mill-istess proprjeta` fuq imsemmija u dan billi qieghed katina u katnazz;

Illi tali att jikkostitwixxi spoll vjolenti u klandestin fil-konfront tal-esponenti li minhabba l-agir illegali tal-konvenut ma jistghux jaccedu aktar mix-xatba ‘l gewwa;

Illi minkejja li l-intimat gie debitament interpellat sabiex iregga' lura dak li ghamel u dan wara li baghat ghall-Pulizija meta l-esponenti Maria Abela pparkjat vettura taghha fl-ghalqa, il-konvenut baqa' inadempjenti u ghalhekk l-esponenti kellhom jirrikorru ghal din l-azzjoni;

Illi l-esponenti taf b'dawn il-fatti personalment.

Illi r-raguni ta' din it-talba hi li l-intimat wettaq spoll ricenti, vjolenti u klandestin fil-konfront ta' l-esponenti u ghalhekk ghandu jigi kkundannat iregga' lura x-xoghlijiet li ghamel u jirrintegra lill-esponenti fid-dgawdija ta' hwejjighom;

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti jitolbu bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti, prevja d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni, joghgobha:

1. Tiddikjara illi ghar-ragunijiet premessi, l-intimat ikkommetta spoll klandestin u vjolenti ghad-dannu tal-esponenti;

2. Tikkundanna lill-konvenut sabiex fi zmien qasir u perentorju jaghmel dawk ix-xoghlijiet rimedjali kollha opportuni sabiex jirripristina lill-esponenti fid-dgawdija ta' hwejjighom u dan billi jnehhi kwalsiasi

katnazz, xkiel jew sokor iehor li hemm mal-ixtiebi li jifirdu l-mandra mill-ghalqa

adjagenti ghar-razzett numru hamsa (5), Triq it-Tuss, Zejtun u dan *occorrendo* taht is-supervizjoni ta' periti nominandi;

3. Fin-nuqqas, tawtorizza lill-istanti jaghmlu dawk ix-xoghlijiet rimedjali necessarji a spejjez tal-konvenut *occorrendo* taht is-supervizjoni ta' Periti nominandi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut, minn issa ingunt in subizzjoni u b'riserva ghal kull azzjoni ohra spettanti lill-istanti.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tas-7 ta' Ottubru 2014.

Rat illi l-intimat Carmelo Abela minkejja li gie notifikat bir-rikors u bl-avviz ta' smigh kif jidher *a tergo* ta' fol 10 tal-process baqa' ma pprezenta l-ebda risposta u ghalhekk huwa kontumaci.

Rat il-verbal tas-seduta tal-25 ta' Novembru 2014 mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk presjeduta fejn meta ssejhet il-kawza dehru Dr. John Bonello u Dr. Noella Azzopardi Grima ghar-rikorrenti prezenti u Dr. Stafano Filletti ghall-intimat prezenti. Irrizulta li l-intimat hu kontumaci. Xehdet bil-gurament taghha Maria Abela, liema xhieda giet registrata fuq is-sistema eletronika. Dr. Bonello ddikajra li ma fadallux provi ohra. L-intimat inghata terminu ta' xahar minn dan il-verbal biex jipprezenta s-sottomissjonijiet tieghu, u r-rikorrenti jkollhom xahar min-notifika tan-nota

biex jipprezentaw it-twegiba taghhom. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-26 ta’ Frar 2015.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet ta’ Carmelo Abela (KI 211459M) datata 22 ta’ Dicembru 2014 a fol 14 tal-process.

Rat in-nota ta’ osservazzjoni tal-attur datata 8 ta’ Jannar 2015 a fol 19 tal-process.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi din hija azzjoni ta' spoll li permezz tal-istess l-atturi qed jitolbu li jigu reintegrati fit-tgawdija taghhom billi l-konvenut jigi ordnat li jnehhi kwalsiasi katnazz, xkiel jew sokor iehor li hemm mal-ixtiebi li jifirdu l-mandra mill-ghalqa adjacenti ghar-razzett numru hamsa (5), Triq it-Tuss, Zejtun.

Illi l-intimat hu kontumaci f'dawn il-proceduri.

**Rizultanzi Fattwali**

**Xehdet l-attrici Maria Abela,**[1] u qalet li l-kontendenti huma lkoll ahwa. Affermat li l-kawza saret billi twahhal katnazz ma' xatba sitwata f'ghalqa li minhabba fih l-atturi gew impeduti milli jidhlu fl-ghalqa. Il-katnazz twahhal f'Gunju 2014.

**Sottomissjonijiet tal-Kontendenti**

L-intimat ipprevala ruhu mill-fakolta' moghtija lilu minn din il-Qorti billi ipprezenta s-sottomissjonijiet tieghu bl-iskritt. B'din in-nota, izda, mar oltre l-fakolta' moghtija lilu billi ressaq diversi allegazzjonijiet ta' fatt li ma jirrizultawx fil-process, u dana f'tentattiv li jressaq provi. Dan hu proceduralment inammissibbli.

L-atturi fin-nota taghhom irrilevaw li fil-kaz odjern din il-Qorti ghandha zewg provi (1) ir-rikors guramentat li minnu nnifsu jikkostitwixxi prova ghaliex huwa guramentat; u (ii) ix-xhieda mhux kontradetta ta' Maria Abela.

**Konsiderazzjonijiet ta' Dritt.**

Ikkonsidrat qabel xejn li ghalkemm il-konvenut hu kontumaci dan ma jfissirx li r-rikorrenti m'ghandhomx jipprovaw il-kaz taghhom. "*Hu pacifiku li l-kontumacja ma hijiex ammissjoni*" (**"Charles Saliba vs Salvu Borg"** – Appell 27-6-1997) u "*skont kif dejjem gie riferut minn dawn il-Qrati l-kontumacja ghandha tigi interpretata wkoll bhala oppozizzjoni u l-Qorti ghalhekk tidhol f' certi dettalji li thoss illi huma mehtiega biex tistabbilixxi l-verita` tal-fatti*" (**"Ruth Apap vs Noel Apap"** – P.A. FDP 30-6-1995).

[1] Seduta tal-25 ta' Novembru 2014

Illi l-azzjoni odjerna hija wahda ta' spoll *ai termini* tal-**Artikolu 535 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi skont l-istess artikolu, u a bazi ta' gurisprudenza kostanti huwa risaput li l-elementi vitali ta' din l-azzjoni li l-attur jehtieglu jipprova huma s-segwenti:-

(i) *Possedisse*

(ii) *Spoliatum fuisse*

(iii) *Infra bimestre deduxisse*

Illi dan gie rilevat f'diversi sentenzi fosthom "**Margherita Fenech vs Pawla Zammit**" (12-4-1958, vol. XLII D.11. 973); "**Caterina armla Galea vs Joseph Vella**" (23-6-1965 per Onor. Dr. Edoardo Magri) u f' "**Joseph Vella pro et noe vs Salvu Micallef**" (30-4-1991 JSP).

Illi fuq l-iskorta tal-gurisprudenza kostanti pronuncjata jirrizulta li *"materja ta' din l-azzjoni, ma taghtix lok ghall-ebda indagini ohra barra dik li tistabilixxi: (a) il-fatt tal-pussess/detenzjoni u (b) il-fatt tal-ispoll … … stante li din l-indagini hija wahda limitatissima rigoruza u skarna".* (**"Carlo sive Charles Cardona *et vs* Francesco Tabone" -** A.C. 9 ta' Marzu 1992).

Illi ghalhekk fil-fatt inghad illi *"din l-azzjoni ta' spoll hija koncepita bhala azzjoni rapida u effikaci ghall-iskop li ma thalli lil hadd jiddisturba stat ta' fatt, arbitrarjament u hija intiza unikament biex igieghel lill-konvenut li*

*jerga' jqieghed il-haga fl-istat li kienet qabel ma ddisturbaha, u daqshekk biss - kif jghid bl-iktar mod car l-***artikolu 791 (1), Kapitolu 12***, li sfortunatament jigi hafna drabi injorat".*

Illi f'dan il-kuntest il-pussess mehtieg huwa dak materjali u *"de facto"* tant li gie ritenut ukoll li :-

*"hu maghruf illi l-pussess mehtieg hu dak materjali u 'de facto', ikun x'ikun, u mhux mehtieg il-prova li l-attur ghandu dritt ta' propjeta' jew ta' servitu` fuq il-haga li minnha huwa gie spoljat bi vjolenza jew klandestinament. Anzi hemm ir-rekwizit tal-pussess anki meta dak li hu spoljat ghandu semplici detenzjoni".* (**"Kaptan Stefano Xuereb vs Nobbli Charles Sant Fournier" -** (A.C. 12 ta' Dicembru 1952) Tali pussess izda m'ghandux ikun inekwivoku, anzi ghandu jirrizulta li huwa manifest u dan fih innifsu huwa stat ta' fatt **"Gio Maria Tonna vs Giuseppi Maria Tonna"** - (P.A. 21 ta' Frar 1983) u **"Marthese Borg vs George Borg"** - (25 ta' Frar 1983), u mhux wiehed ta' mera tolleranza **"Joseph Vella Gatt nomine vs Joseph Camilleri** - (A.C. 26 ta' Jannar 1996).

Illi fil-fatt kull pussess, *benche*` ippruvat huwa prottett tant li f'din l-azzjoni l-ligi ma tirrikjedix il-prova tal-legittimita` tal-pussess tal-persuna turbata, u takkorda r-reintegrazzjoni anki kontra l-possessuri ta' *mala fede* u kontra l-istess proprjetarju tal-haga li taghha jkun hemm pretensjoni li gie kommess l-ispoll. (**"Saverio Farrugia vs Eugenio Borg"** P.A. 31 ta' Marzu 1952).

Illi jrid jigi ppruvat ukoll l-ispoll innifsu li jikkonsisti fis-segwenti kif deskritt fis-sentenza **"Joseph Scerri vs Spiridione Falzon"** (P.A. 24 ta' Jannar 1958):-

*"Spoll vjolenti huwa kwalsiasi att arbitrarju li jsir bil-forza privata kontra l-volonta` tal-ispoljat; u l-att jkun arbitrarju mhux biss meta jikkostitwixxi reat kontra l-ligi, izda anki meta jigi kompjut arbitrarjament u kontra l-volonta` tal-possessur, b'mod li jista' jaghti lok ghall-azzjoni ta' danni kontra min ikun ghamel dak l-att".*

Illi dan kollu jistabilixxi l-azzjoni tal-ispoll bhala azzjoni intiza ghaz-zamma tal-ordni pubbliku u ghar-*rule of law* tant li gie ritenut fis-sentenza **"Giuseppe Muscat vs Assunta Farrugia"** (A.C. 24 ta' Novembru 1957) li:-

*"L-azzjoni ta' reintegrazzjoni hija fondata fuq l-ezigenzi tal-utilita` socjali aktar milli fuq il-principju assolut tal-gustizzja; hija intiza ghall-protezzjoni ta' kwalunkwe pussess sabiex jigi mpedut li c-cittadin privat jiehu l-gustizzja f'idejh, b'mod li ghandha bhala fini r-restawrazzjoni tal-pussess skonvolt jew turbat… si tratta ta' dispozizzjoni ta' ligi eminentement ta' ordni pubbliku, li ma tirrikjedix, generalment, il-vjolenza fuq il-persuna li tkun tiddetjeni l-haga jew li tkun tgawdi d-dritt, imma l-istess hija inerenti ghall-fatt ta' min b'awtorita' privata jikkompixxi u jaghmel ghad-dannu ta' terza persuna att li, ghalkemm jista' jkollu dritt ghalih, ma setax jezercitah u jezercieh minghajr l-intervent tal-Qorti."*

Illi dawn il-principji gew ukoll ikkonfermati fis-sentenza **"Francesco sive Frank Busuttil vs Giacchino sive Jack Scerri proprju *et nomine*"** (A. C. 6 ta' Ottubru 2000) inghad li:-

*"Kwantu ghall-element tal-pussess, ghall-azzjoni ta' spoll, bizzejjed li jkun hemm pussess ta' kull xorta; kwindi tant il-pussess materjali 'di fatto', kemm il-pussess legittimu minghajr il-materjali detenzjoni tal-haga kif ukoll il-pussess 'di diritto' ta' min ikun akkwista l-haga".* (Ara wkoll is-sentenza **"Carmelo Grima *et vs* Maria Baldacchino *et*"** (A. C. 19 ta' April 1999)

Ikkonsidrat li fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu l-konvenut ressaq diversi allegazzjonijiet ta' natura fattwali u jakkampa fuq din il-verzjoni tieghu tal-fatti sabiex jipprova jxejjen l-azzjoni odjerna. Dan hu minghajr dubbju irritwali u abbuziv in kwantu li l-konvenut kellu kull opportunita' li jwiegeb ghat-talbiet attrici b'risposta guramentata li kienet tqieghdu f'posizzjoni li jressaq ix-xhieda u provi tieghu bil-gurament u skont il-ligi. Allegazzjonijiet ta' fatti godda maghmulin f'nota ta' sottomissjonijiet mhumiex ammissibbli f'kwalsiasi cirkostanza billi jqeghdu lill-kontroparti fi zvantagg fejn ma jistax jirribatti dawn il-provi. Izda fil-kaz odjern, l-abbuz jikkonsisti ukoll filli l-konvenut mar oltre dak lilu koncess bil-ligi, senjatament bl-**artikolu 158(10) tal-Kap.12.** Din il-posizzjoni giet imfissra minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fil-kawza fl-ismijiet **Moby Rentals Limited v Marthese Attard** (deciza fis-16 ta' Gunju 2003), fejn gie ribadit li d-disposizzjoni tal-**artikolu 158(10)** tal-Kap.12, ma jaghtix licenzja lill-konvenut li jressaq u jiddiskuti fatti li ma jinstabux fil-process. "*Tali licenzja tkun tfisser illi l-kontumaci jarroga ghalih id-dritt li marte (*recte: *a motu) proprju jiggustifika huwa stess, u minghajr il-minsiteru tal-Qorti, l-istat kontumacjali tieghu u jressaq dawk il-provi li jidhirlu hu minghajr ma l-fatti jigu approvati, jew kuntrastati, skont is-soliti rekwiziti procedurali."*

Jghid x'jghid il-konvenut dwar it-trapass taz-zmien minn meta twahhal il-katnazz u dwar l-offerta tieghu li jaghti kopja tac-cavetta lill-atturi ma jistax jaghmel stat ta' fatt ghall-Qorti meta tali fatt mhux biss ma jirrizultax mill-atti izda talli addirittura hu zmentit mix-xhieda tal-attrici.

Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, il-Qorti hi tal-fehma li t-talbiet huma gustifikati in kwantu jirrizulta mill-provi li l-atturi gew spussessati mill-godiment li kellhom ghall-ghalqa imsemmija bit-twahhil tal-katnazz in mertu. Mir-rikors guramentat jirrizulta li ghalkemm kienu jinzammu annimali fil-mandra "*zmien ilu"* l-kontendenti kollha setghu jaccedu meta jridu fl-ghalqa. Dan il-katnazz twahhal mill-konvenut minghajr il-kunsens tal-atturi.

Illi din il-kawza giet intavolata fl-4 ta' Lulju 2014 u mix- xhieda ta' Maria Abela mhux kontradett jirrizulta li l-katnazz twahhal f'Gunju 2014 cioe` inqas minn xaharejn qabel ma nfethet din il-kawza.

Illi ghalhekk jinkonkorru t-tlett elementi kostituttivi ta' din l-azzjoni li timmerita li tigi akkolta.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi fil-kontumacja tal-konvenut, tilqa' t-talbiet kollha attrici skont dan li gej:

1. **Tilqa'** l-ewwel talba attrici u tiddikjara illi ghar-ragunijiet premessi, l-intimat ikkommetta spoll klandestin u vjolenti ghad-dannu tal-atturi;

2. **Tilqa'** t-tieni talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex fi zmien perentorju ta' xahar millum inehhi l-katnazz u kwalsiasi xkiel jew sokor iehor li hemm mal-ixtiebi li jifirdu l-mandra mill-ghalqa adjacenti ghar-razzett numru hamsa (5), Triq it-Tuss, Zejtun u dan taht is-supervizjoni tal-Perit Alan Saliba a spejjez tal-istess konvenut.

3. **Tilqa'** t-tielet talba attrici u fin-nuqqas, tawtorizza lill-atturi jaghmlu dawk ix-xoghlijiet rimedjali ordnati a spejjez tal-konvenut taht is-supervizjoni tal-Perit Alan Saliba.

**L-ispejjez jithallsu mill-konvenut.**

**Moqrija.**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------